MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' April, 2014

Mandat Numru. 360/2014/1

Jürgen **DÖRING**

vs

**AEE RENEWABLES LIMITED (C – 51469)**, Niels Kröner, Therese Amanda Karolina Sundelin u Charles Webster

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-4 ta’ Marzu, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissra, r-rikorrent talab li din il-Qorti toħroġ Mandat ta’ Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli (a) jżommu laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpannija AEE Renewables Limited, msejħa għas-6 ta’ Marzu, 2014, fin-nofs siegħa ta’ wara nofsinhar (12.30 p.m.), kemm f’dik id-data u kemm f’xi jum ieħor, jew li b’xi mod ieħor jieħdu xi pass maħsub fl-aġenda ta’ l-imsemmija laqgħa msejħa, jiġifieri t-tneħħija tiegħu minn direttur tal-imsemmija kumpannija, liema pass imur kontra l-artikolu 140(3) tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji[1]; u (b) jżommu minnufih wara, jiġifieri laqgħa ġenerali straordinarja tal-istess kumpannija intimata msejħa għas-6 ta’ Marzu, 2014, fis-siegħa neqsin kwart ta’ wara nofsinhar (12.45 p.m.), kemm f’dik id-data u kemm f’xi jum ieħor, jew li b’xi mod ieħor jieħdu xi pass maħsub fl-aġenda ta’ l-imsemmija laqgħa msejħa, jiġifieri l-approvazzjoni ta’ għoti ta’ self ta’ nofs miljun euro (€ 500,000) favur l-intimati l-oħrajn, liema self huwa ta’ ħsara kbira għall-istess kumpannija intimata;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta’ Marzu, 2014, li bih laqgħet provvviżorjament it-talbiet, ordnat in-notifika lill-intimati b’għaxart (10) ijiem żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tas-27 ta’ Marzu, 2014;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta’ Marzu, 2014[2], li bih u fuq talba magħmula mill-intimati f’rikors tagħhom tal-10 ta’ Marzu, 2014, ippermettiet li l-atti u s-sottomissjonijiet f’din il-proċedura jsiru fl-ilsien ingliż, minħabba li l-partijiet huma barranin;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fil-21 ta’ Marzu, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemmhekk elaboratament imsemmija, laqgħu għat-talba tar-

[1] Kap 386
[2] Paġ. 87 tal-atti

rikorrent billi qalu li ma jeżistux il-ħtiġijiet mitluba mil-liġi biex it-talba tar-rikorrent tista' tintlaqa', u dan la fir-rigward tal-ewwel laqgħa ġenerali straordinarja msejħa u lanqas dwar it-tieni waħda. Huma jgħidu li jeżistu raġunijiet tajbin għaliex issejħet laqgħa biex tneħħi lir-rikorrent minn direttur tal-kumpannija intimata; filwaqt li ma hemm l-ebda ħsara għall-istess kumpannija bit-twettiq ta' dak maħsub fit-tieni laqgħa. Minbarra dan, it-tneħħija maħsuba tar-rikorrent hija mogħtija mil-liġi[3], u kien maħsub li jingħata smigħ lir-rikorrent[4], ukoll jekk dan kien ifisser li t-tieni laqgħa (maħsuba li tibda kwarta wara l-ewwel laqgħa) tibda iżjed tard minn dak il-ħin li kien maħsub. L-ilment tar-rikorrent li ma kienx se' jingħata ħin biex iressaq il-każ tiegħu huwa lment fieragħ u ma jmissux jittieħed bis-serjeta', għaliex issa, bit-talba tiegħu għat-twaqqif tal-ewwel laqgħa, ġie li ċaħħad lilu nnifsu minn dak l-istess jedd. Dwar l-għan tat-tieni laqgħa msejħa, ma hemm l-ebda ħsara għall-kumpannija intimata u l-azzjonisti tagħha b'dak li huwa maħsub li jsir, minbarra li r-rikorrenti innifsu, fil-ftehim li kien għamel qabel, kien aċċetta li jsir dak is-self, liema self mhuwiex sejjer isir lid-diretturi, iżda lill-impjegati għolja ta' kumpannija sussidjarja li hija assi tal-kumpannija intimata. Minbarra dan, temmew jgħidu, ukoll kieku t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat ma kellhiex tintlaqa' hu xorta waħda jibqagħlu rimedji oħrajn bil-liġi x'jista' jitlob;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-27 ta' Marzu, 2014;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Marzu, 2014, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

[3] Art. 140(1)(2) tal-Kap 386
[4] Art. 140(3) tal-Kap 386

***Ikkunsidrat:***

Tqis li r-rikorrent qiegħed jitlob li l-Qorti żżomm milli jsiru żewġ laqgħat straordinarji tal-kumpannija intimata (aktar 'il quddiem imsejħa "AEE") msejħin għas-6 ta' Marzu, 2014, fis-sede reġistrat tal-istess AEE fil-Ħamrun, waħda wara l-oħra;

Tqis li AEE hija kumpannija reġistrata f'Malta bħala kumpannija privata b'responsabbilta' limitata[5], bis-sede tagħha f'ċentru kummerċjali fi Triq Mountbatten, fil-Ħamrun, Malta;

Tqis li r-rikorrent huwa wieħed mill-azzjonisti ta' AEE. Għandu wieħed u tletin elf mija u ħamsa u għoxrin (31,125) sehem mill-mija u ħamest elef (105,000) sehem li għandha l-kumpannija. Huwa wkoll wieħed mid-diretturi ta' AEE;

Tqis li xi ftit xhur ilu, matul l-ewwel ġimgħa ta' Diċembru tal-2013[6], tnieda proċess ta' ri-organiżżazzjoni fi ħdan AEE li bih ir-rikorrent kien sejjer jitrasferixxi l-biċċa l-kbira mill-ishma tiegħu fiha b'arranġament ta' ħlas stabilit u garantit. Dan l-arranġament sar bil-qbil tar-rikorrent, u tal-intimati Kröner u Sundelin;

Tqis li bis-saħħa tal-imsemmi ftehim li sar fit-13 ta' Diċembru, 2013, waqt laqgħa tal-Bord tad-Diretturi ta' AEE[7], ir-rikorrenti kien sejjer jitrasferixxi sbatax-il elf erba' mija u tlettax-il (17,413) sehem li huwa kellu f'AEE bil-

---

[5] Dok "AEE", f'paġġ. 90 sa 102 tal-atti
[6] Ara Dok "AEE1", f'paġġ. 118 – 9 tal-atti
[7] Dok "AEE4", f'paġġ. 132 – 4 tal-atti

korrispettiv ikun l-ishma kollha li l-istess AEE kellha f'kumpannija sussidjarja tagħha fil-Ġermanja u l-ħlas ta' self dovut mill-istess AEE lil dik l-istess kumpannija sussidjarja (ftehim imsejjaħ "*Demerger Agreement*")[8];

Tqis li, bis-saħħa ta' ftehim ieħor li sar ukoll fit-13 ta' Diċembru, 2013 (imsejjaħ mill-partijiet bħala "*Put and Call Option Agreement*"[9]), ir-rikorrent kien se' jassenja ħamsa u għoxrin elf mija u ħamsa u għoxrin (25,125) sehem ieħor tiegħu f'AEE bi prezz stabilit, b'dan li wara li jitwettaq l-imsemmi ftehim (f'xi żmien wara l-bidu tal-2015) kien jifdallu sitt elef (6,000) sehem f'AEE;

Tqis li fis-17 ta' Jannar, 2014[10], ir-rikorrent irriżenja mill-kariga ta' segretarju ta' AEE b'seħħ mill-14 ta' dak l-istess xahar, u minfloku nħatar l-intimat Charles Webster;

Tqis li b'ittra li ġġib id-data tat-12 ta' Frar, 2014[11], mibgħuta lir-rikorrent mill-istess intimat Webster, ir-rikorrenti kien mgħarraf li ġie sospiż mix-xogħol tiegħu ma' AEE sakemm isir stħarriġ ta' xi allegazzjonijiet li tqajmu kontrih. F'dik l-istess ittra kien mgħarraf ukoll li kien tneħħa minn direttur ta' AEE;

Tqis li b'ċirkolari maħruġa fl-14 ta' Frar, 2014, l-intimat Webster, bħala s-segretarju ta' AEE sejjaħ laqgħa ġenerali straordinarja (minn issa 'l quddiem imsejħa "laqgha A")[12] li kellha tapprova riżoluzzjoni għat-tneħħija tar-rikorrent minn direttur ta' AEE skond l-artikolu 140 tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji u kellha tibda fis-6 ta' Marzu, 2014, fin-12.30 ta' waranofsinhar fis-sede reġistrat tagħha fil-Ħamrun. Bis-saħħa ta' ċirkolari oħra bid-data tas-17 ta' Frar, 2014, l-istess intimat Webster, bħala segretarju ta' AEE, sejjaħ it-tieni laqgħa ġenerali straordinarja

[8] Dok "D", f'paġġ. 18 sa 25 tal-atti
[9] Dok "E", f'paġġ. 26 sa 38 tal-atti
[10] Dok "AEE", f'paġ. 105 tal-atti
[11] Dok "AEE2", f'paġġ. 120 – 1 tal-atti
[12] Dok "A", f'paġ. 9 tal-atti

(minn issa 'l quddiem imsejħa "laqgħa B")[13] li l-għan tagħha kien li tgħaddi riżoluzzjoni li tapprova s-self min-naħa ta' AEE sal-ogħla ammont ta' nofs miljun euro (€ 500,000) favur l-intimati diretturi biex tagħmel tajjeb għall-iffinanzjar ta' skema li AEE għandha biex impjegati u diretturi jiksbu ishma fil-kumpannija;

Tqis li matul il-ġimgħat wara li qalbet is-sena 2014, kien hemm bdil ta' korrispondenza dwar it-twettiq tal-ftehim milħuq u x'kellhom jagħmlu l-partijiet kontraenti biex iġibu fis-seħħ kulma kien miftiehem[14];

Tqis li r-rikorrenti, li ressaq din il-proċedura jumejn qabel ma kellhom jinżammu l-istess żewġ laqgħat ġenerali straordinarji, isejjes it-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat fuq l-argument li l-laqgħa A ma tħarisx il-jedd tiegħu li jressaq f'ħin xieraq biżżejjed, il-każ tiegħu quddiem il-Bord, filwaqt li f'każ li titħalla tgħaddi r-riżoluzzjoni maħsuba għal-laqgħa B, hu sejjer iġarrab ħsara kbira bħala azzjonist minoritarju f'AEE billi s-self idgħajjef il-qagħda finanzjarja tal-istess AEE;

Tqis, f'linja ġenerali, li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[15];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[16]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

---

[13] Dok "B", f'paġ. 10 tal-atti
[14] Dokti "AAE5" sa "AAE15", f'paġġ. 135 sa 167 tal-atti
[15] Art. 873(1) tal-Kap 12
[16] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[17];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[18]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħda tibża' l-parti rikorrenti, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrenti jidher li għandha fil-waqt li ħarġet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, dwar laqgħa A, l-element tal-jedd "*prima facie*" li r-rikorrent jistrieħ fuqu huwa n-nuqqas ta' opportunita' li jitħalla jressaq il-każ tiegħu. Dan jgħidu minħabba li ma ġiex allokat ħin biżżejjed biex jitħalla jressaq il-każ tiegħu kontra t-tneħħija tiegħu minn direttur ta' AEE ladarba l-laqgħa B kellha tissejjaħ biss kwarta wara li kellha tibda laqgħa A;

Tqis li l-ilment tar-rikorrent ma jixhidx tabilħaqq ksur ta' xi jedd mad-daqqa t'għajn. Kif jgħidu l-intimati fit-Tweġiba tagħhom, il-ħin allokat

[17] Art. 875(3) tal-Kap 12
[18] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

għas-sejħa tal-laqgħa A u tal-laqgħa B ma kienx inflessibbli u r-rikorrent ma kien bl-ebda mod imċaħħad milli jressaq l-argument li jrid li kieku l-laqgħat tħallew jinżammu[19]. Għall-kuntrarju, bil-fatt li r-rikorrent qiegħed jitlob li l-laqgħa A ma titħalliex tinżamm, jiġi li huwa r-rikorrent innifsu li qiegħed iċaħħad lilu nnifsu milli jinstema’ biex iressaq il-każ tiegħu kontra t-tneħħija tiegħu mill-kariga ta’ direttur ta’ AEE;

Tqis ukoll li l-jedd *prima facie* jonqos għaliex id-deċiżjoni tat-tneħħija minn direttur hija jedd li l-liġi nnifisha tagħti lil kull kumpannija[20], minbarra li dan huwa jedd stabilit fl-Istatut u l-Memorandum tal-istess AEE;

Tqis li, fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji, ma jidhirx li direttur għandu l-jedd li jwaqqaf kumpannija mlaqqa’ kif imiss milli tneħħih mill-kariga, wkoll jekk din it-tneħħija ssir qabel xi żmien miftiehem[21]. Dan jgħodd minkejja kull ħaġa li tinstab fl-istatut tal-istess kumpannija jew ta’ xi ftehim li jkun sar bejn il-kumpannija u d-direttur li jkun[22];

Tqis ukoll li jedd mad-daqqa t’għajn għall-finijiet tal-ħruġ ta’ Mandat ma jistax ikun mibni fuq sempliċi “suspett” tal-parti rikorrenti, sewwasew minħabba li jrid ikun jidher bħala jedd aċċertat u mhux bħala riperkussjoni negattiva ta’ mġiba li mhix fiha nnifisha ċensurabbli;

Tqis li t-tfittxija tal-jedd mad-daqqa t’għajn trid issir b’mod pożittiv fl-identifikazzjoni ta’ jedd li l-parti rikorrenti tista’ tinvoka b’azzjoni u li tista’ tinforza kontra l-part intimata, u mhux sempliċement billi tressaq ’il quddiem il-konsegwenzi negativi li jistgħu jinħalqu li kieku t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tintlaqax;

---

[19] Ara art. 140(3) tal-Kap 386
[20] Art. 140(1) tal-Kap 386
[21] Ara Muscat <u>*Principles of Maltese Company Law*</u> (M.U.P. 2007) § 10.6 , f’paġġ. 392 – 9
[22] Art. 140(2) tal-Kap 386

Tqis li l-liġi nnifisha[23] tagħti rimedju alternativ lil persuna li tkun tneħħiet minn direttur ta' kumpannija, f'każ li tali tneħħija tkun ġabitilha ħsara jew dannu mhux xieraq. Għalhekk, kif sewwa jissottomettu l-intimati, jekk ir-rikorrenti tassew qiegħed jibża' mill-konsegwenzi tat-tneħħija tiegħu jew iseħħ dak li jibża' minnu, huwa għandu jfittex rimedju mod ieħor imma żgur mhux dak li twaqqaf lill-kumpannija milli tagħmel dak li huwa dmir u jedd tagħha;

Tqis li, dwar l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat, jonqos ukoll tali rekwiżit f'ċirkostanza bħal din, għaliex persuna li titneħħa mill-kariga ta' direttur f'kumpannija, ukoll jekk hi tkun ukoll azzjonist tal-istess kumpannija, dejjem jifdlilha rimedji effettivi taħt il-liġi biex tikkontesta dik id-deċiżjoni u s-siwi tagħha[24]. Fuq kollox, il-konsegwenzi li huwa jgħid li sejjer iġarrab li kieku l-laqgħa A imsejħa mill-kumpannija titħalla tinżamm kif avżat, diġa' jidher li ġarrabhom sa minn qabel ma fetaħ din il-proċedura, u dan kif joħroġ mill-ittra mibgħuta lilu fi Frar tal-2014, li biha kien sospiż mix-xogħol ma' u, fl-istess waqt, imneħħi (sospiż) ukoll minn direttur ta' AEE;

Tqis għalhekk li ma ntweriex li l-Qorti għandha xi raġuni tajba biex tilqa' t-talba tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat ħalli l-laqgħa A tinżamm aktar milli tissejjaħ u ssir;

Tqis li, dwar il-laqgħa B, il-jedd mad-daqqa t'għajn vantat mir-rikorrent jinbena fuq l-allegata ħsara finanzjarja jew ekonomika li huwa, bħala azzjonist minoritarju, jgħid li sejjer iġarrab li kieku dak maħsub li jsir matulha jkun approvat minn dawk preżenti;

Tqis li dak li huwa maħsub li jsir fil-laqgħa B huwa distint minn dak li huwa maħsub f'laqgħa A u jrid jitqies fil-mertu tiegħu u dan billi, f'kull każ, il-jedd tar-rikorrent li jattendi għal dik il-laqgħa joħroġ mill-fatt li huwa

[23] Art. 140(5)(a) tal-Kap 386
[24] Ara P.A. MCH **31.1.2013** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Suzanne Busuttil et noe vs Francis Busuttil & Sons Ltd. et***

azzjonist ta' AEE u ma jiddependix mill-kwalita' tiegħu ta' direttur jew direttur imneħħi tagħha;

Tqis li dak li ngħad dwar il-jedd *prima facie* fir-rigward ta' laqgħa A, jgħodd b'aktar saħħa fir-rigward ta' laqgħa B. Dan jingħad għaliex, fl-ewwel lok, l-għamla ta' self li huwa maħsub li jkun approvat fir-riżoluzzjoni proposta huwa self li l-liġi tħalli li jsir f'ċirkostanzi partikolari u b'għanijiet speċifiċi[25]. Minn dak li joħroġ mill-atti proċesswali, l-għan dikjarat li għalih huwa maħsub li jsir l-imsemmi self huwa wieħed mill-għanijiet li tippermetti l-liġi. Fit-tieni lok, jirriżulta li r-rikorrenti innifsu wera li kien jaqbel ma' dak li huwa maħsub li jkun approvat fil-laqgħa B. Dan joħroġ kemm mill-arranġament maqbul fit-3 ta' Diċembru, 2013, u kif ukoll minn dak approvat minn kulħadd (bir-rikorrent magħdud) waqt il-laqgħa tal-Bord ta' AEE li nżammet fit-13 ta' Diċembru, 2013, meta hu kien għażel li jintrabat li jnaqqas (billi jassenja) l-ishma tiegħu f'AEE u fejn dakinhar ma kienx ħass li s-self maħsub kien se' jkunlu ta' ħsara, bħalma qiegħed jallega f'din il-proċedura;

Tqis li dwar il-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat dwar laqgħa B, dan l-element ukoll ma joħroġx, aktar u aktar fid-dawl tar-rimedju integrattiv mogħti mil-liġi[26], f'każijiet bħal dawn li kieku kellu tassew jirriżulta li l-jeddijiet tiegħu bħala azzjonist minoritarju kienu mirfusa b'mod oppressiv jew inġust[27];

Tqis, għalhekk, li r-rikorrent ma seħħlux juri li jeżistu l-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat, la dwar l-ewwel laqgħa ġenerali straordinarja u lanqas dwar it-tieni waħda;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[25] Ara art. 106(4) u 110(2) tal-Kap 386
[26] Art. 402 tal-Kap 386
[27] App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul utrinque*** (Kollez. Vol.: **LXXXVII.ii.39**)

**Tiċħad it-talbiet** tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat, bl-ispejjeż kontra tiegħu, billi ma jirriżultawx ir-rekwiżiti meħtieġa għall-ħruġ tiegħu, tħassar *contrario imperio* d-degriet tagħha tal-4 ta’ Marzu, 2014, safejn kienet laqgħet it-talba b’mod provviżorju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------